**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Novembru, 2016**

Kawza Numru: 284/2016JB

Numru: 3

**Go plc (C22334)**

***vs***

**Silvana Zammit (K.I.: 322672M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-27 ta' Lulju 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tmien mija u wiehed u sittin euro u hmistax-il centezmu (€861.15) rapprezentanti servizzi ta' telekomunikazzjoni pprovduti lill-Konvenut. Talbet ukoll l-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 429/16, u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tas-19 ta' Settembru 2016 (a fol 8);

Ra n-noti ta' riduzzjoni (a fol 17) li permezz taghha is-socjeta attrici irriduciet it-talba ghas-somma ta' seba' mija u hdax-il Euro u hmistax-il centezmu (€711.15);

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba fil-waqt li l-Konvenut ma ressaq ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici is-somma ta' €711.15 bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba. Spejjez a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*